MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 538/2011

**Joseph Psaila**

**(I.D. 797754 (M))**

**vs**

**Rita Psaila xebba Micallef (I.D. 721358 (M))**

**Raymond Psaila (I.D. 198861 (M)), Maria**

**Theresa Marmorato (I.D. 294462 (M)) u**

**Victor Psaila (I.D.603157 (M)) bhala eredi**

**tal-konjugi Francis u Mary Psaila u stante li**

**Maria Theresa Marmorato mietet fil-mori tal-**

**kawza, l-atti taghha gew trasfuzi f'isem Antonio Marmorato u Stefania Marmorato, u dan, skont id-digriet datata iz-17 t'Ottubru, 2012.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-3 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' kuntratt datat l-10 ta' Gunju, 1982, *in atti* tan-Nutar Dottor Maurice Gambin, il-mejtin Francis u Mary konjugi Psaila, ttrasferew il-fond 160, Triq San Guzepp, Hat-Tarxien, lir-rikorrenti Joseph Psaila u lill-intimata Rita Psaila, xebba Micallef, (ara foll 5);

1.2. Illi minkejja li l-kuntratt fuq riferit hu wiehed ta' bejgh, l-intenzjoni tal-konjugi Psaila fuq imsemmija kienet li jaghtu l-fond *de quo* b'donazzjoni lir-rikorrenti Joseph Psaila bhala sehmu mill-wirt li riedu jaqsmu bejniethom ulied l-istess konjugi Psaila, skont kif indikat minn kitba appozita ta' Mary Psaila, (ara foll 8 sa 10);

1.3. Illi l-intimati l-ohra ghandhom interess guridiku fil-procedura odjerna;

1.4. Illi r-rikorrenti Joseph Psaila u l-intimata Rita Psaila nee` Micallef ma hallsux il-prezz indikat fl-imsemmi kuntratt fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel u foll 6);

1.5. Illi fl-istess kuntratt in dizamina jirrizulta wkoll patwit li f'kaz ta' thassir ta' l-gherusija, l-intimata odjerna Rita Psaila xebba Micallef kellha tiehu biss kumpens ekwivalenti ghall-izbursamenti minnha maghmula ghall-benefikati maghmula fil-fond *de quo*;

1.6. Illi wara l-mewt tal-vendituri fuq riferiti, ir-rikorrenti Joseph Psaila ma' wiret l-ebda sehem iehor u dan, *stante* li kien gia` moghti l-proprjeta` in dizamina b'donazzjoni kif verbalment miftiehem bejn il-genituri involuti u uliedhom, fejn ir-rikorrenti kellu jaghti s-somma t'elfejn Lira Maltin, (Lm2,000.00), lil huh Raymond bhala ekwiparazzjoni;

1.7. Illi s-somma indikata fil-paragrafu precedenti giet debitament imhallsa kif patwit fil-mori taz-zwieg u bil-kunsens ta' l-intimata;

1.8. Illi r-rikorrenti Joseph Psaila u r-rikorrenti Rita Psaila ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni;

1.9. Illi *di piu`*, iz-zwieg *de quo* gie wkoll dikjarat null mit-Tribunal Ekklesjastiku;

1.10. Illi fil-prezent hemm ukoll proceduri pendenti l-Appell, biex tigi registrata dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg ta' l-istess;

1.11. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.11.1. Tiddikjara li l-kuntratt datat l-10 ta' Gunju, 1982, *in atti* tan-Nutar Dottor Maurice Gambin hu sostanzjalment donazzjoni lir-rikorrenti Joseph Psaila taht l-apparenza ta' trasferiment oneruz;

1.11.2. Tiddikjara li l-istess kuntratt fuq indikat hu null bhala kuntratt oneruz u validu biss bhala donazzjoni favur ir-rikorrenti Joseph Psaila, u tinnomina nutar biex jippubblika l-att opportun, u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

1.11.3. Bl-ispejjez kontra l-intimata Rita Psaila, xebba Micallef;

2. Rat in-nota datat t-8 t'Awwissu, 2011, li permezz taghha l-intimata Maria Theresa Marmorato ammettit it-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 12);

3.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimata Rita Psaila xebba Micallef, datata l-5 ta' Settembru, 2011, li permezz taghha sintetikament irrispondiet is-segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti: (ara foll 30)

3.1. Illi l-azzjoni *de quo* hi improponibbli *stante* li azzjoni ta' simulazzjoni hi indivizibbli u ma tistax tkun simulazzjoni assoluta fil-konfront ta' parti u simulazzjoni relattiva fil-konfront ta' parti ohra, u dan, ghaliex in-negozju guridiku hu wiehed;

3.2. Illi l-azzjoni hi preskritta *a tenur* ta' l-artiklu 1224 tal-Kodici Civili *stante* li bl-azzjoni odjerna r-rikorrenti qed jittenta azzjoni ta' rexissjoni tal-kuntratt in dizamina peress li r-rikorrenti qed jitlob li l-kuntratt *de quo* jigi dikjarat validu biss favur tieghu kwantu donazzjoni;

3.3. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kwantu l-kuntratt *de quo* kien ta’ bejgh ma kien hemm l-ebda simulazzjoni, u kien ghalhekk wiehed regolari;

3.4. Illi l-prezz indikat fil-kuntratt *de quo* thallas flimkien ma’ l-imghaxijiet dovuti kif patwit;

3.5. Illi d-dikjarazzjoni alegatament maghmula minn Rita Psaila qabel mietet, (ara foll 8), mhux legalment valida u m’ghandha l-ebda valur probatorju *stante* li tikser id-disposizzjonijiet ta’ l-artiklu 586 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta;

3.6. Illi r-rikorrenti ghandu fi kwalunkwe kaz jipprova l-awtenticita` u l-genwinita` ta’ l-imsemmi dokument, u ghalhekk titlob it-hatra t’esperti kalligrafi;

3.7. Illi jekk tirrizulta genwina, tali dikjarazzjoni saret b’qerq, *ad insaputa* tal-intimata u bl-iskop malinn biex ir-rikorrenti juza l-istess dokument kontra l-intimata biex jizvestiha mid-dritt taghha ta’ nofs indiviz tal-fond fuq riferit;

3.8. Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat in-nota datata l-5 ta’ Settembru, 2011, li permezz taghha l-intimat Raymond Psaila ammetta t-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 32);

5. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta’ Gunju, 2012, li permezz tieghu, fuq talba ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet,

awtorizzat lill-istess biex jindirizzaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimata Rita Psaila, (ara foll 39);

6. Rat in-nota datata l-5 ta’ Gunju, 2012, li permezz taghha l-intimat Victor Psaila ammetta t-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 40);

7. Rat id-digriet taghha datat iz-17 t’Ottubru, 2012, li permezz tieghu, wara rikors appozitu datat is-16 t’Ottubru, 2012, (ara foll 41), awtorizzat il-legittimazzjoni ta’ l-atti u t-trasfuzjoni tal-gudizzju favur l-eredi ta’ l-intimata Maria Theresa Marmorato li mietet fil-mori tal-procedura, (ara foll 52);

8. Rat id-digriet taghha datat it-28 ta’ Novembru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba appozita ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw din il-procedura bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 177);

9. Ezaminat id-dokument esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

10. Semghet ix-xhieda prodotta;

11. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-intimata Rita Psaila datata l-14 ta’ Jannar, 2015, (ara foll 180), flimkien ma’ dik tar-rikorrenti datata l-25 ta’ Marzu, 2015, (ara foll 185);

12. Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, (ara foll 193);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi *ai fini* tad-digriet datat il-5 ta' Gunju, 2012, (ara foll 39), il-procedura odjerna hi limitata ghaz-zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimata Rita Psaila, senjatament:

13.1. L-improponibilita` tal-procedura odjerna *stante* li l-azzjoni tas-simulazzjoni hi indivizibbli, (ara paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), aktar qabel); u

13.2. L-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* ta' l-artiklu 1224 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara paragrafu numru tlieta punt tnejn, (3.2.) aktar qabel);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fil-konfront ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata Rita Psaila rigwardanti l-allegata simulazzjoni, jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti qed jallega li l-kuntratt datat l-10 ta' Gunju, 1982, *in atti* tan-Nutar Dottor Maurice Gambin hu wiehed simulat;

14.2. Illi in effetti l-kuntratt *de quo* hu semplicement kompra-vendita;

14.3. Illi kemm -il darba l-istess kuntratt in dizamina hu simulazzjoni, allura mhux biss jirrizulta li l-istess rikorrenti *ictu oculi* ppartecipa fl-istess simulazzjoni, izda li hu wkoll wiehed mill-beneficjarji ta' l-istess;

14.4. Illi hu stabilit fir-rigward li kwalunkwe att jew skrittura huma prezunti li huma redatti *in bona fede* u li ghalhekk jirrispekkjaw il-volonta` sinciera tal-kontraenti involuti;

14.5. Illi biex tregi allegazzjoni ta' simulazzjoni kuntrattwali l-prova tinkombi fuq min qed jallegha;

14.6. Illi kif stabilit mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi ***Spiteri Debono vs. Spiteri Debono et*****,** ***datata l-5 ta' Dicembru, 1953*****:**

> "Hu ormai maghruf li s-simulazzjoni hija forma ta' frodi u peress li ma tinghatax guridikament prezunzjoni ta' frodi, kwalunkwe kuntratt jew ftehim ghandu favur tieghu l-prezunzjoni tas-sincerita` u tar-realta`. Ghalhekk min irid iwaqqa` din il-prezunzjoni jisthoqlu jgib il-prova konludenti u perswaziva tas-simulazzjoni minnu allegat"

14.7. Illi jirrizulta li permezz tal-kuntratt in dizamina tal-10 ta' Gunju, 1982, jirrizulta li l-genituri tar-rikorrenti bieghu il-fond in meritu lir-rikorrenti u lill-intimata Rita Psaila, dak iz-zmien l-gharusa tieghu, ghall-prezz ta'sitt elef Lira Maltin, (Lm6,000.00), (ara foll 6);

14.8. Illi *nonostante* dak espressament miktub u ffirmat mill-partijiet fil-kuntratt *de quo*, ir-rikorrenti jsostni li dak li verament riedu l-kontraenti kien li l-fond *de quo*

jinghata b'donazzjoni lir-rikorrenti u lill-istess gharusa tieghu, illum intimata Rita Psaila;

14.9. Illi ghalhekk, tenut kont li r-rikorrenti jrid isalva l-istess kuntratt *de quo* fil-konfront tieghu u jannullah fil-konfront ta' l-intimata Rita Psaila, per konsegwenza tispunta distinzjoni mhux daqstant sottili bejn simulazzjoni assoluta u dik relattiva li tinhtieg li tigi rizolta;

14.10. Illi f'dan ir-rigward is-sentenza fl-ismijiet ***Pace et vs. Lauri et datata t-12 t'Ottubru, 1950, l-Prim'Awla tal-Qorti Civili*** ssostni s-segwenti:

> "Illi skont id-duttrina hemm zewg speci ta' simulazzjoni, wahda assoluta, meta l-kuntratt ikun internament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkuntrattaw ebda obbligazzjoni – *"colorem habens, substantiam vero nullam"* u l-ohra relattiva, meta l-partijiet ghamlu kuntratt taht apparenza ta' iehor – *"colorem habens, substantiam vero alteram"* (Coen, *Gurisprudenza Italiana, voce "Simulazione"* para. 72). L-azzjoni li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni assoluta ghandha bhala skop id-dikjarazzjoni tal-inesistenza assoluta tal-att, dik li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni relattiva ghandha bhala skop illi tigi restitwita r-realta` tal-att u mnehhija l-forma apparenti tieghu";

14.11. Illi tenut kont tad-divergenza taz-zewg tipi ta' simulazzjoni in dizamina, dawn ma joqghodux flimkien fl-istess negozju guridiku;

14.12. Illi in vista tal-premess ghandu jkun ghalhekk pacifiku li l-azzjoni li tattakka is-simulazzjoni hi azzjoni indivizibli li twassal biex tannulla n-negozju guridiku simulat;

14.13. Illi kif isostni il-Butera, ***Simulazione nei Negozi Guirdici, no. 61, p. 239***:

> "L'azione di simulazione del negozio guridico e` indivisibile. Un negozio giuridico unico .... non puo` esser dichiarato, sino ad una certa misura vero, e pel di piu` simulato, giacche` a codesta scissione resiste l'unita` del rapporto contrattuale. Il negozio giuridico o e` tutto sincero o e` tutto simulato. L'indivizibilita` dell'azione di simulazione dipende da cio` che l'atto simulato e` un rapporto unico, non la somma di singoli rapporti giuridici";

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fil-konfront tal-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimata Rita Psaila, rigwardanti l-preskrizzjoni, jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi l-artiklu 1224 tal-Kap 16 fuq riferit jistabilixxi s-segwenti:

> "F'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, il-jedd tal-azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni jaqa` bil-preskrizzjoni eghluq hames snin minn dak inhar li l-azzjoni tista` titmexxa, bla ma jittiehed qies tal-istat jew tal-

kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd ghal din l-azzjoni, bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici";

15.2. Illi l-istess Kodici jkompli billi jistabbilixxi fl-artiklu sussegwenti, li d-dritt ta' l-azzjoni ghar-rexxissjoni in dizamina jghaddi fil-werrieta, li pero` jistghu jezercitaw dan id-dritt biss fiz-zmien li jkun ghad fadlilhom;

15.3. Illi in effetti, r-rikorrenti qieghed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt in dizamina fuq riferit;

15.4. Illi pero` *nonostante* dan, fl-istess hin ir-rikorrenti qieghed jitlob li l-istess kuntratt jigi salvat u minflok kompra-vendita, dan ghandu jitqies bhala donazzjoni – u *di piu`*, esklussivament favur tieghu;

15.5. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-mira ewlenija ta' dan l-isforz procedurali hu biss li tigi estromessa l-mara tar-rikorrenti, l-intimata Rita Psaila li miz-zmien tal-kuntratt *de quo* lil hawn ma baqghetx marbuta fil-legami naxxenti miz-zwieg ta' bejniethom li issa sfaxxa immedjatament;

15.6. Illi jirrizulta assodat li l-kuntratt *de quo* hu datat l-10 ta' Gunju, 1982;

15.7. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti seta` jagixxi ghar-rexxissjoni in dizamina irrimedjatament;

15.8. Illi konsegwentement id-dritt t'azzjoni in dizamina waqa` bil-preskrizzjoni wara l-10 ta' Gunju, 1987;

15.9. Illi l-azzjoni odjerna tirrizulta intavolata fit-3 ta’ Lulju, 2011, (ara foll 1);

15.10. Illi jekk sussidjarjament ir-rikorrenti jistrieh fuq id-dokument miktub mill-mama` tieghu, (ara foll 8 u 150), datat l-10 ta’ Frar, 1994, l-istess perjodu kif indikat fl-artiklu 1224 tal-Kap 16 in dizamina jirrizulta abbundantement superat ukoll;

Ikkunsidrat:

16. Illi *di piu`*, tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku wkoll li *stante* li l-istess rikorrenti ppartecipa attivament u iggwadanja f’att guridiku li hu stess qieghed issa jallega li kien att simulat, mhux accettabbli li tali partecipant jiggwadanja minn simulazzjoni mahsuba u ezegwita minnu stess;

**DECIDE:**

17.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li l-intimata Rita Psaila pprovat iz-zewg eccezzjonijiet minnha preliminarjament sollevati u konsegwentement:

17.1. Tilqa` l-istess zewg eccezzjonijiet sollevati mill-istess intimata fuq riferita;

17.2. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti Joseph Psaila.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------